**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**(Spettur Matthew Spagnol)**

**Vs**

**Nicolas Lopez Vanegas**

**Illum 20 ta' Jannar, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Nicolas Lopez Vanegas, iben Hesus u Fanny Avila Vanegas, imwieled nhar is-27 ta' Ġunju 1990 ġewwa Bogota, Colombia, residenti ġewwa l-fond L-Arkati, Triq il-Mensija, San Giljan, detentur tal-permess tar-residenza Maltija numru 162584A, u l-passaport Kolombjan numru AS448021.

Akkuzat talli, nhar id- 19 ta' Jannar 2017, għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu (02:30hrs), ġewwa l-istabbiliment Bar Native, Triq Santa Rita, San Ġiljan:

1. Attakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li dawn kienu qiegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-

awtorità kompetenti;

2. Inġurja, u għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed jew iktar inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li dawn kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu, jew iġibilu disordni f'moħħu, ikkaġuna offiza ta' natura ħafifa fuq uffiċjal tal-Pulizija PC1108 Sandro Grech, hekk kif ċertifikat minn Dr. Rebecca Galea (Med. Reg. 5732);

4. Ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħallhom fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi;

5. f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma setax jieħu ħsieb tiegħu innifsu;

Rat li l-ufficjal prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputati fis-seduta datata 20 ta' Jannar, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', fedina penali ta' l-imputat immarkat bhala Dok MS1, certifikat mediku mmarkat bhala Dok MS2, certifikat mediku mmarkat bhala Dok MS3, stqarrija mmarkata bhala Dok MS4, NPS report immarkat bhala Dok MS5, fotokopja tal-permess ta' residenza markat bhala Dok MS6, fotokopja tal-passaport immarkat bhala Dok MS7, current incident report immarkat bhala Dok MS8.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Fic-cirkostanzi il-Qorti, wara li rat il-fedina penali netta ta' l-imputat u wara li rat l-istqarrija ta' l-imputat fejn jidher b'mod car li l-imputat ikkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom, u wara li rat ukoll li l-imputat ammetta fi stadju l-iktar bikri ta' dawn il-proceduri ma tarax li ghandha taghti piena ta' prigunerija effettiva.

Decide:

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 96, 95, 221, 338(ee) u 338(ff) tal-Kap-9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjdou ta' tnax (12)-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghdin jigu sospizi ghal erbgha u ghoxrin (24) xahar, kif ukoll multa ta' erbat elef ewro (€4000) li ghandha tithallas mill-hati sad-9 ta' Marzu 2017.**

Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**